MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru 961/2014

**SPETTUR FRANK SAMMUT**

**VS**

**DANOTIEN NDOUBA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Donatien Ndouba ta' 34 sena, bin Ndouba u Marie Boudba, mwieled Douala Cameroon nhar l- 4 ta' Settembru 1980 u detentur tan- Numru tal- Pulizija 13S-070;

Talli;

1) Fil- 5 ta' Ottubru 2014 u jew fil- granet ta' qabel f' Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' passaport jew dokument jew uza jew kellu fil- pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifiakti, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f' isem Donatien Ndouba;

2) Ukoll talli matul l- istess zmin, lok u cirkostanzi ghamel flasifikazzjon ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifiakti fod- dokumenti fuq imsemmija;

3) Kif ukoll talli matul l- istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokuemnti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l- Att dwar l- Immigrazzjoni;

4) Kif ukoll talli matul l- istess zmien, lok u cirkostanzi nizel l- art jew imbarka f' Malta minghajr passaport u naqas li jaghti lil ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni l- informazzjoni preskritta u dik l- informazzjoni l- ohra kif l- Ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni jidhirlu xieraq;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 5 tal- Kap 61, Artikolu 189 tal- Kap 9 u Artikoli 32 (1d) u 8 tal- Kap 217 tal – Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------